MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GIANNINO CARUANA DEMAJO

Seduta tat-13 ta' Ottubru, 2005

Citazzjoni Numru. 782/2005

**Sergio Cacciottolo et**

**Vs**

**Philip Zammit ossija Zammit McKeon noe**

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni li biha l-atturi wara li qalu illi jikru lill-konvenut, Terence Zammit McKeon, il-fond hanut numru 710 St. Joseph High Road, Hamrun taht il-kundizzjonijiet kif miftehma bejniethom fl-iskrittura ta’ kera datata 7 ta’ Awissu, 1996;

Illi skond l-istess skrittura l-kera presentement dovuta fuq il-fond in kwistjoni hija ta’ sebgha u ghoxrin lira u seba’

centezmi (Lm27.07) kuljum pagabbli kull tlett xhur bil-quddiem u li ghalhekk jammonta ghal elfejn erba’ mija u sebghin lira u sittax il-centezmu (Lm2470.16) kull tlett xhur;

Illi skond l-artikolu 17 ta’ l-istess skrittura jekk l-inkwilin konvenut jibqa’ moruz fil-hlas tal-kera ghal hmistax-il-gurnata minn meta jigi mitlub bil-miktub sabiex ihallas il-kera dovuta, sidien il-kera jkollhom id-dritt li jitterminaw il-kera ipso jure u jiehdu lura l-pussess tal-fond;

Illi l-konvenut naqas ihallas l-kera mis-7 ta’ Novembru, 2004 sallum u cioe huwa moruz ghal erba’ skadenzi ta’ kera fl-ammont ta’ disa’ telef tmien mija u tmenin lira maltija u erbgha u sittin centezmu (Lm9880.64) jew ammont verjuri iehor, u dana ghalkemm kien debitament interpellat biex ihallas;

Illi ghalhekk il-konvenut baqa’ inadempjenti skond it-termini ta’ artikolu 17 ta’ l-istess skrittura minghajr ebda raguni valida fil-ligi;

Illi in oltre l-konvenut ghandu jhallas ukoll elf seba’ mija u tnejn u sittin lira maltija u hamsa u disghin centezmu (Lm 1762.95) jew ammont verjuri iehor ghall-licenzji tan-negozju ghas-snin 2003 sa 2005;

Illi ghalkemm debitament interpellat jhallas dawn l-ammonti kemm verbalment kif ukoll permess ta diversi ittri ufficjali inkluzi dawk datati t-2 ta’ Mejju, 2005, 20 ta’ Mejju, 2005; il-konvenut baqa’ inadempjenti;

Ghaldaqstant jghid il-konvenut ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex:

1. Tipprocedi bis-smigh ta’ din il-kawza bid-dispensa tas-smigh skond il-procedura preskritta fl-artikolu 167 et sequitur tal-Kodici ta’ Organizazzjoni u Procedura Civili;
2. Tikkundanna l-konvenut ihallas lill-atturi l-ammont ta’ hdax-il elf sitt mija tlieta u erbghin Lira Maltija u disgha u hamsin centezmu (Lm11643.59) jew ammont iehor verjuri

bl-imghax kummercjali mid-data tal-pagament dovut sal-hlas effettiv;
3. Tiddikjara li l-konvenut iddekada mill-kirja tal-fond fuq imsemmi stante l-morozita tieghu kif spjegat hawn fuq;
4. Tordna konsegwentement l-izgumbrament tal-konvenut mill-fond 710, St. Joseph High Road, Hamrun f'dak it-terminu qasir u perentorju li tipprefissa dina l-Qorti;

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittri ufficjali tat-2 ta' Mejju u l-20 ta' Mejju u l-atti gudizjarji in konessjoni mal-istess;

Bl-imghax kummercjali mid-data tal-pagament dovut sad-data li jsir il-hlas, b'riserva ghad-dritt ta' l-atturi ghall-hlas tad-danni u bl-ingunzjoni tal-konvenut ghas-subizzjoni.

Rat ukoll l-affidavit mahluf minn Gina Cacciottolo u rat id-dokumenti u l-atti kollha fil-process.

Rat illi l-konvenut ma weriex raguni tajba ghala ghandu jithalla jikkontesta l-kawza;

Billi ghalhekk l-artt. 167 et seqq. tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili jridu li s-sentenza tinghata llum stess bid-dispensa tas-smigh, il-qorti taqta' l-kawza billi t-talbiet maghmula fic-citazzjoni, bl-ispejjez u b'dan illi l-konvenut ghandu jizgombra mill-fond fi zmien xahrejn millum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------